**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Lulju, 2019**

**Talba Numru: 585/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 30**

**Complex Co. Limited (C61722)**

**11, St Francis,**

**Triq ta' Gawdieri**

**San Gwann SGN 1740 bhala l-amministratur ta'**

**"183, Residents Association"**

**Vs**

**Fiorentina Darmenia Jochimsen**

**183/2 Rudolph Street,**

**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-27 ta' Dicembru, 2018 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuta is-somma ta' elf erba' mija u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,470.43c) bhala sehma mill-mizata annwali amministrattiva ghal perjodu minn Ottubru 2016 sa Novembru 2018 fil-blokk li

jinsab numru 183, Triq Rodolfo, Sliema stante li l-konvenuta tokkupa l-appartament internament numerat numru tnejn (2) fl-istess blokk ta' appartamenti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hijaa ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf erba' mija u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,470.48c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**